MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Numru 201/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 440171 (M);

Akkuzat talli fil-25 ta' Jannar 2013 jew fil-jiem ta' qabel, minn gewwa Hal Qormi kkommetta serq ta' diversi cekkijiet tal-Bank of Valletta mahruga fuq kont bankarju numru 40018494312 bi hsara ta' Bernardette Cachia u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta serq semplici ta' dokument u cioe karta ta' l-identita bin-numru 9078 (M) ghad-detriment ta' Cathleen Cachia u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, sab hwejjeg Cathleen Cachia cioe karta tal-identita bin-numru 9078 (M) li kienu naqsu lil xi persuna jew li din kienet tilfet u ma gharrafx bihom fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi sab hwejjeg Bernardette Cachia u/jew persuni ohra cioe diversi cekkijiet tal-Bank of Valletta, kollha mahruga fuq kont bankrju bin-numru 40018494312 li kienu naqsu lil xi persuna jew li din kienet tilefet u ma gharrafx bihom fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva.

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Jannar 2013 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan rigward cekkijiet tal-Bank of Valeltta bin-numri 191, 194, 195, 196, 197 u 198, kollha mahruga fuq kont bankarju bin-numru 40018494312.

U iktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u dan rigward cekkijiet tal-Bank of Valletta bin-numri 191, 194, 195, 196, 197 u 198, kollha mahruga fuq kont bankarju bin-numru 40018494312.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 izda ma jeccedix l-elfej, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu ghad-dannu ta' Leonard Scicluna u jew persuni o hra, Silvianne Fenech u jew persuni ohra, Joseph Sultana u/jew persuni ohra, u/jew Bernardette Cachia, u/jew Cathleen Cachia u/jew Bank of Valletta plc, u dan rigward cekkijiet tal-Bank of Valletta bin-numri 191, 194, 195, 196, 197 kollha mahruga fuq kont bankarju bin-numru 40018494312.

U finalment akkuzat talli sar ricediv ai terminu ta' l-Artikoli 49 u 50 u 289 et seq tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-imputat jinsab mixli:

- li ghamel frodi b'eghmil qarrieqi;
- li ghamel falsifikazzjoni ta' att awtentiku ossija ta' cekks u li ghamel uzu minnhom;
- li ghamel serq semplici ta' document, konsistenti f'karta tal-identita' ta' haddiehor u diversi cekks mahruga fuq kont bankarju ta' terzi;
- li naqas li jikkonsenja lill-Pulizija Ezekuttiva oggetti mitlufa propjeta' ta' terzi u cioe' l-karta tal-identita' in kwistjoni;

Akkuzat ukoll b'recidiva;

ghar-reati migjuba kontra tieghu l-imputat irregistra ammisjoni fuq liema insista u liema ammissjoni hi riflessa f'zewg stqarrijiet minnu legalment rilaxxati lill-Pulizija, ghal dak li jikkoncerna l-frodi, falsifikazzjoni, l-uzu wkoll s-serq.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hat ital-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 183, 184, 308, 261(c), 284, 285, 49, 50, 289 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 (2) tal-Att2 58;

Tikkundannah sena prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------